# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 42**
**Rikors Guramentat Numru : 1164/2014/LSO**

**Force Trading Limited, Two J'S Company Limited, B.D. Limited u Carmen Fenech**

**vs**

**Josephine Schembri, Prassede Schembri, Mary Theresa Schembri u Marcellina Schembri u b' digriet tat-23 ta' April 2015 gew kjamati in kawza Nazzarena armla ta' Carmel Fenech, Anthony Schembri,**

**Mario Schembri u Angelo Schembri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Force Trading Limited (C 30203), Two J'S Company Limited (C 16132), B.D. Limited (C 7281) u Carmen Fenech (I.D. 631650M) datat 19 ta' Dicembru 2014 fejn Janice Baldacchino detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 482085M ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Force Trading Limited bil-gurament ikkonfermat : -

Illi l-kontendenti huma l-komproprjetarji tal-proprjeta` immobbli li hija esternament immarkata bin-numru 46 (qabel 110), Triq San Bartilmew, iz-Zurrieq (aktar 'l isfel tissejjah "il-Fond").

Illi l-esponenti ma jridux jibqghu aktar f'komunjoni ta' proprjeta` tal-Fond, u ghalhekk qeghdin jipproponu din l-istanza.

Illi l-Fond mhuwiex komodament divizibbli, u ghalhekk jehtieg li jigi licitat skont il-ligi.

Illi kull tentattiv maghmul mir-rikorrenti sabiex il-kontendenti ma jibqghux fi stat ta' komproprjeta fir-rigward tal-Fond ma rnexxiex.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi Janice Baldacchino, kemm fil-kwalita` taghha personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Force Trading Limited, tiddikjara li taf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-Fond 46, qabel 110, Triq San Bartilmew, iz-Zurrieq jappartjeni lill-kontendenti indivizament;

2. Tistabbilixxi l-kwota appartenenti lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti mill-Fond;

3. Tiddeciedi u tiddikjara, previa l-opera ta' periti nominandi, li l-Fond mhuwiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti;

4. Tordna li jsir il-bejgh b'licitazzjoni tal-Fond, previa l-opera ta' periti nominandi sabiex jistmaw l-istess Fond, u bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji;

5. Taghti dawk l-ordnijiet u d-direttivi kollha necessarji, inkluz l-ghazla ta' jum, hin, lok u l-hatra ta' rkantatur, sabiex isir il-bejgh b'licitazzjoni ordnat bis-sahha tat-talba precedenti,

u dan kollu previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma lkoll minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Frar 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati Josephine Schembri (ID 682945(M), Prassede Schembri (ID 588347M), Mary Therese Schembri (ID 192625(M) u Marcellina Schembri (ID 322057M) li ghal kull *buon fini* tat ruhha b'notifikat bir-rikors guramentat, datata 29 ta' Jannar 2015 (fol 58), fejn bil-gurament taghha, Mary Theresa Schembri ID No. 192625M ikkonfermat illi :

1. Fl-ewwel lok illi l-azzjoni hija nulla u improponibbili u kwindi din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza. Illi dan qed jinghad in kwantu illi r-rikorrenti, permezz tal-kuntratt tal-15 ta' Novembru 2008 (DOK A mir-Rikors Guramentat), xtraw u akkwistaw minghand Catherine Testa <u>sehemha mill-eredita'</u> tal-genituri taghha. In kwantu illi ma hemmx kunsens ghad-divizjoni parzjali tal-istess eredita' da parti tal-mittenti, ma tistax tigi proposta l-*actio familae endscundae* peress illi l-fond 46 (qabel 110) Triq San Bartilmew, Zurrieq, huwa in effetti wiehed minn hafna proprjetajiet formanti parti l-eredita' tal-genituri ta' Catherine Testa li kollha ghandhom komuni.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi mhux minnu illi l-proprjeta' in kwistjoni mhux komodament divizibbli u

dan in kwantu illi r-rikorrenti jistghu jiehdu s-sehem taghhom ta' 1/9 liberalment filwaqt illi l-intimati jibqghu jgawdu bejniethom s-sehem kollettiv taghhom ta' 8/9, kollox kif ahjar deskritt mill-Perit *ex parte* tal-mittenti (DOK AZ1 anness).

3. Ukoll minghajr pregudizzju, illi fil-kaz illi din l-Onorabbli Qorti kellha tordna kwalsiasi divizjoni u/jew bejgh b'licitazzjoni tal-fond *de quo*, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni qabel ma jsir tali bejgh u/jew divizjoni dawk il-benefikati kollha inkluz benefikati strutturali illi ghamlu fil-fond in kwistjoni l-intimati illi ilhom snin twal jirrisjedu gewwa l-istess fond u jzommuh bhala r-residenza ordinarja taghhom fi stat tajjeb ta' manutenzjoni riparazzjoni, inkluz spejjes mehtiega u utli.

4. Salv risposta ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 23 ta’ April 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Victoria Cuschieri ghall-intimati, prezenti Maria Theresa Schembri. Deher ukoll Dr Mark Simiana ghar-rikorrenti. Dr Cuschieri qed tezenta lir-rikorrenti, *ai fini* tal-ewwel eccezzjoni tal-intimati, milli jipproducu kopji legali tal-kuntratt tas-7 ta' Awwissu 2012 ippubblikat min-Nutar Dr Mario Bugeja anness bhala Dok 'B’ mar-rikors guramentat. Xehdet bil-gurament Maria Theresa Schembri, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Billi mit-trattazzjoni rrizulta l-htiega tal-kjamat in kawza tal-ko-eredi kollha, il-Qorti ghalhekk

ordnat li jigu kjamati fil-kawza odjerna Nazzarena armla ta' Carmel Fenech, Anthony Schembri, Mario Schembri u Angelo Schembri, u halliet il-kawza ghan-notifika tar-rikors guramentat kif ukoll tan-nota tal-eccezzjonijiet u thalliet il-kawza ghal dan l-iskop ghad-9 ta' Gunju 2015 fil-12:15p.m.; kif ukoll issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari sabiex tisma' occorrendo l-intimati kjamati fil-kawza fuq dan l-punt.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamati in kawza Nazzarena Fenech (I.D. 79256M), Anthony Schembri (I.D. 635148M) u Mario Schembri (293651M) illi ghal kull *buon fini* ta ruhu notifikat bir-rikors guramentat,datata 21 ta’ Mejju 2015 a fol 69 tal-process fejn Anthony Schembri (I.D. 635148M) bil-gurament tieghu kkonferma:

1. Illi l-esponenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* nuqqas ta' interess guridiku fil-fond mertu tal-kawza odjerna, ossia l-fond numru sitta u erbghin (46) gja mija u ghaxra (110), Triq San Bartilmew, Zurrieq, u dan *in vista* tal-kuntratt ta' divizjoni datat is-sebgha (7) ta' Awwissu 2012 fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja illi permezz tieghu l-istess esponenti kienu assenjaw lil huthom (l-intimati Josephine, Prassede u Mary Theresa) id-drittijiet ereditarji taghhom in konnessjoni mal-fond in kwistjoni.

2. Illi minghajr pregudizzju l-azzjoni kif proposta mir-rikorrenti fejn qieghda tintalab divizjoni parzjali ta' assi formanti parti mill-eredita' tal-genituri tal-intimati u tal-kjamati in kawza Ikoll ahwa Schembri hija legalment

insostenibbli, *stante* illi bejn l-istess rikorrenti u l-kompropjetarji l-ohra tal-fond mertu tal-kawza odjerna ossia l-intimati Josephine, Mary Theresa u Prassede ahwa Schembri, ghadu jissussisti stat ta' eredita'.

3. Illi minghajr pregudizzju u hekk kif eccepit fir-risposta guramentata mressqa mill-intimati Josephine, Mary Theresa, Prassede u Marcellina ahwa Schembri, l-esponenti wkoll isostnu illi l-fond mertu tal-kawza odjerna huwa fil-fatt komodament divizibbli skont kif indikat mill-Perit Anton Zammit fir-rapport anness mar-risposta imsemmija (Dok. AZ1).

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta mahlufa ta' Angelo Schembri [K.I. Nru: 232459(M)] datata 22 ta' Mejju 2015 a fol 72 tal-process fejn espona : -

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tieghu ma jistghu qatt jigu milqugha *stante* illi huwa ma ghad ghandu l-ebda interess fil-fond bin-numru 46 qabel 110 fi Triq San Bartilmew, iz-Zurrieq peress illi huwa kien ittrasferixxa kwalsiasi sehem li huwa kellu fl-istess proprjeta` lil Josephine Schembri detentrici tal-Karta tal-Identita` bin-numru 682945 (M); Prassede Schembri detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 588347(M) u Maria Theresa Schembri detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 192652(M) u dan pemezz ta' kuntratt in atti Nutar Mario Bugeja tas-7 ta' Awwissu 2012.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk fi kwalunkwe kaz jirrizulta li l-esponent ghadu jgawdi sehem minn disgha fil-proprjeta` mertu ta' din il-kawza, huwa ma jopponix ghat-talbiet attrici salv li l-fond jinbiegh bi prezz tas-suq kif ukoll li jigi identifikat il-*quantum* spettanti lilu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jigi ippruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri, huwa m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-esponent fil-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2015 meta ssejhet il-kawza dehru Dr Mark Simiana u Dr Franco Galea ghall-atturi, u Dr Victoria Cuschieri ghall-intimati. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari ssollevata mill-intimati ppatrocinati minn Dr Victoria Cuschieri, kif ukoll it-tieni eccezzjoni tal-kjamati in kawza, ippattrocinati mill-istess Dr Cuschieri. Il-kawza giet differita ghal sentenza *in parte* ghat-28 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din hija sentenza *in parte* fuq l-eccezzjoni ta' nullita' tal-azzjoni kif proposta sollevata mill-konvenuti kollha ghajr ghall-Angelo Schembri.

Illi b'din il-kawza, l-atturi qed jitolbu l-bejgh in licitazzjoni tal-fond numru 46, gja 110, fi Triq San Bartilmew, iz-Zurrieq li hija ta' proprjeta' komuni bejn il-kontendenti previa dikjarazzjoni li l-fond mhuwiex komodament divizibbli u li ssir stima b'opera ta' periti nominandi.

L-intimati jsostnu li t-talba odjerna tammonta ghall-divizjoni parzjali ta' wirt billi l-proprjeta' in mertu hija wahda fost hafna proprjetajiet provenjenti mill-wirt ta' Giuseppe u Emmanuela konjugi Schembri, il-genituri tal-awtur fid-dritt tar-rikorrenti li mietu rispettivament fit-28 ta' Jannar 2007 u fl-4 ta' Marzu 2005.

**<u>Rizultanzi</u>**

Jirrisulta b'att ippubblikat min-Nutar Mary Grech Pace datat il-15 ta' Novembru 2008 ir-rikorrenti xtraw u akkwistaw il-fond imsemmi minghand il-poter ta' Catherine Schembri, oht l-intimati u bint Giuseppe u Emmanuela Schembri. Il-venditrici bieghet "***sehemha mill-eredita' ta' ommha Emmanuela mart Joseph Schembri ..kif ukoll sehemha mill-eredita' ta' missierha Giuseppe Schembri ..liema sehem jammonta ghal wiehed minn disa' partijiet (1/9) indiviz, pero inkuz ukoll fil-bejgh hemm kwalunkwe***

***sehem verjuri li jappartjeni lill-bejjiegha."***(DOK A anness mar-rikors guramentat).

Mhuwiex ikkontestat li wirt tal-konjugi Schembri huwa regolat b'testmenti rispettivi fejn istitwew b'eredi universali u assoluti ta' gidhom lid-disa' uliedhom fi kwoti indaqs u indivisi, u cioe`, Josephine, Prassede, Theresa, Marcellina, Anthony, Mario, Nazzarena, Angelo u Catherine. Il-wirt taghhom gie debitament denunzjat b'kuntratti ta' trasferiment *causa mortis.*[1] L-assi ereditarju tat-testaturi jikkonsisti f'diversi proprjetajiet immobbiljari kif jidher mill-kuntratt ta' divizjoni bejn uhud mill-ahwa hawn taht imsemmi.

Fil-mori rrizulta li kien sar kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja tas-7 ta' Awwissu 2012 fejn l-ahwa Nazzarena, Anthony Angelo, u Mario assenjaw id-drittijiet ereditarji taghhom lil huthom Josephine, Prassede u Mary Theresa. (**DOK AS2** edebit a fol 83 *et.sequitur* tal-process).

Inoltre b'kuntratt iehor datat it-2 ta' Mejju 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja l-ahwa Angelo, kwantu ghall-seba' partijiet minn disgha (7/9) indivizi u Marcellina Schembri kwantu ghal nona parti indiviza, bieghu s-sehem ta' nofs (1/2) indiviz mill-ghalqa imsejha *Ta' Mejdiet, sive Taz-Ziju,* fil-limiti taz-Zurrieq. Din l-ghalqa ippreveniet mill-wirt tal-konjugi Giuseppe u Emanuela Schembri u s-sehem ta' 7/9 gie assenjat lill-Angelo Schembri in forza tal-att ta' divizjoni fuq premess **DOK AS2.**

[1] *Vide* provenjenza dikjarata fl-att ta' akkwist DOK A.

**Xehdet Maria Theresa Schembri**[2] u kkonfermat li l-wirt kien jinkludi flus u ghamara, liema flus u ghamara tqassmu bejn l-eredi.

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt</u>**

Illi l-kaz odjern huwa wiehed ghall-bejgh ta' proprjeta' provvenjenti minn wirt li kienet tissejjah l-*actio familiae erciscundae* fid-dritt Ruman.

Illi bhala principju huwa maghruf illi "*Meta tigi ezercitata l-azzjoni ghall-qasma ta' assi ereditarju ghandu jingieb ghall-qasma dak kollu li jidhol f'dak l-assi, b'mod illi m'ghandu jibqa' xejn indiviz minn dak li jidhol f'dak l-assi. Ghalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata ghall-qasma ghandhom jigu migjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi; ghax divizjonijiet parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jhallu in komun xi haga li ghandha tkun espressament u partikolarment indikata. Ghaldaqstant jekk l-assi ereditarju li tieghu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi ohra li ghad ma gewx likwidati, dak l-assi ma jistax jigi likwidat u maqsuma qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-ohra biex jigi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-ohra jmiss is-sehem li tieghu tintalab il-qasma*[3]*".*

---

[2] Seduta tat-23 ta' April 2015

[3] Assunta Chircop vs Pawlu Calleja et, Appell Civili deciz fit-12 ta' Novembru 1951, Vol 35A, P1, Section 1, Pg 188

Hekk ukoll fil-kawza fl-**ismijiet Tereza Farrugia et vs Giuseppe Camilleri et**[4] inghad*: "Indubbjament l-eccezzjoni moghtija hija l-effett tar-regola tal-azzjoni "familae erciscundae" tad-dritt Ruman li bis-sahha taghha ma jistghux jigu spigolati beni individwali ndivizi ghall-finijiet ta' divizjoni parzjali. Hekk gie dikjarat fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Maria mart Edgar Vassallo et –vs- Emmanuele Vella****', Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Marzu 1979 fejn a propozitu fiha l-atturi kienu qed jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenut okkupa abbuzivament bicca raba li kienet f'idejn missierhom bi qbiela minghand il-Gvern u fejn kien hemm qbil ukoll illi l-wirt tieghu kien ghadu mhux likwidat u diviz.*

*Kif jinghad fid-decizjoni a Vol XXX pII p 203 l-"actio familae erciscundae" tolqot "omne jus quod defunctus habuit" u dan bla distinzjoni jekk kienx dritt personali jew 'in rem'. Li jfisser li fil-likwidazzjoni jidhlu l-assijiet kollha kemm jekk b'titolu ta' proprjeta` jew ta' kera. Ghaldaqstant 'mhux lecitu li wiehed jispigola parti minn assi ereditarju u jitlob gudizzju fuq dawk il-beni hekk spigolati u singoli imma ghandu jitlob il-likwidazzjoni tal-assi kollha' (****Kollez Vol XXXVI pI p375 u Vol XXIX pI p1203)****. Dan sahansitra 'sal-punt li ma humiex permessi procedimenti separati, lanqas preamboli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt' (Kollez Vol XXXVI pII p540).*

Kif jinsab ukoll pacifikament akkolt fuq l-insenjament tal-**Laurent** ("Principii di Diritto Civile" Vol X para 291) *"l-uniku mezz li kien ikun validu ghall-effettwazzjoni ta' qasma parzjali kien ikun il-kunsens unanimi tal-kollitiganti – f'liema*

[4] Appell Civili 722/2001PS deciz fl-10 ta' Marzu 2004

*kaz biss ir-regola li divizjoni parzjali mhix ammissibbli ccedi l-kamp di fronte ghall-volonta` unanimi ta' l-interessati"* (Kollez Vol XXXV pI p458)."

Illi mhux kontestat li permezz tal-kawza odjerna, l-atturi qed jitolbu l-qsim ta' proprjeta' wahda provvenjenti mill-assi ereditarju tal-konjugi Schembri. Huma sidien bejniethom ta' sehem ta' nona parti ndiviza minn dan il-wirt billi xtraw minghand wahda mill-werrieta s-sehem ereditarju taghha. Lanqas jirrizulta li hemm qbil bejn il-werrieta kollha li din il-proprjeta' ghandha tinbiegh.

Illi jirrizulta wkoll li uhud mill-werrieta, (sebgha mit-tmienja rimanenti) iddecidew li jaghmlu divizjoni bejniethom u rregolaw id-divizjoni b'att notarili fejn assenjaw lil xulxin id-diversi porzjonijiet tal-wirt. L-intimata Marcella Schembri ma kenitx fost il-kondividenti u lanqas Catherine Schembri li bieghet sehemha lill-atturi. Ovvjament l-atturi wkoll ma kienux parti minn dan l-ezercizzju ta' divizjoni.

Ir-rikorrenti qed jakkampaw fuq din id-divizjoni, kif ukoll fuq il-fatt tal-qasma tal-flus u oggetti mobbli, biex jiggustifikaw l-azzjoni taghhom. Izda ma hemm l-ebda prova li dawn l-oggetti mobbli u flus ma gewx divizi bil-kunsens tal-eredi kollha. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt wahdu ma jnehhix l-aspett ta' universalita' mill-assi rimanenti.

Rigward l-att ta' divizjoni bejn uhud mill-ko-werrieta, l-abbli difensur tar-rikorrenti jissottometti li huma hawdu l-ishma indivizi bejniethom biex minnflok illum hemm l-erba' konvenuti originali u l-atturi li ghandhom sehem kull

wiehed. Konsegwentement jghid li l-komunjoni bejniethom li kienet naxxenti mill-wirt issa giet itterminata.

Izda qasma parzjali tal-assi ereditarju, li hu *universitas res* mhuwiex validu jekk mhux bil-kunsens tal-eredi kollha. L-att ta' divizjoni tas-7 ta' Awwissu 2012 iktar milli ttermina l-istat ta' indivizibbilita' bejn l-eredi, proprjament kien leziv ta' dan il-principju tant li tqum il-kwistjoni tal-validita' ta' din id-divizjoni. Difatti ma jaghmel l-ebda sens li uhud biss mill-werrieta, eskluzi wkoll l-atturi odjerni bhala akkwirenti ta' sehem indiviz mill-assi ereditarju, ddecidew kif jaqsmu u jassenjaw l-ishma taghhom meta huwa pacifiku li huwa biss wara l-qasma li l-werriet jigi kkonsidrat proprjetarju dirett tal-beni assenjati lilu/lilha. Sakemm issir il-qasma skont il-ligi, ma jistax jinghad li l-werriet ikollu ic-certezza li dak li akkwista per assenjazzjoni huwa tieghu minghajr l-adezjoni tal-ko-werrieta kollha.

Illi hadd mill-intimati ma ssolleva n-nullita' tad-divizjoni ghalkemm id-difensur tar-rikorrenti ghamel accenn ghal dan il-punt waqt it-trattazzjoni. Il-Qorti mhiex ser tidhol f'din il-kwistjoni ghaliex l-ezercizzju li qed taghmel jipprexxindi mill-*validita' o meno* tal-att ta' qasma. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-azzjoni odjerna ma tistax tirnexxi ghaliex hija divizjoni parzjali ta' assi ereditarju li ma tistax issir jekk mhux bi qbil bejn il-werrieta kollha.

Ghaldaqstant ser tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa' l-ewwel eccezzjoni** tal-konvenuti Josephine, Prassede , Mary Theresa u Marcella Schembri, u **tilqa' t-tieni eccezzjoni** tal-konvenuti kjamati in kawza Nazzarena Fenech, Anthony Schembri u Mario Schembri, tiddikjara l-azzjoni odjerna inamissibbli.

**L-ispejjez jithallsu mill-atturi *in solidum* bejniethom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2016**